MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 242/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli fl-20 ta' Gunju 2003, gewwa l-Officers Married Quarters gewwa Triq Hal-Far, B'Bugia, kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u dagha, offenda lill-Ispettura Nadia Lanzon, hedded lill-istess Spettura Nadia Lanzon li jwaddbilha xi haga u tellef lill-Pulizija Ezekuttiva waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-15 ta' Lulju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Zahra hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu

ghall-hlas ta’ ta' hamsa w ghoxrin liri Maltin (Lm25) ghal kull imputazzjoni waqt li qieghditu taht garanzija ta’ mitt liri Maltin (Lm100) ghal sena b’obbligazzjoni li ma jimmolestax jew idejjaq lill-Ispettur Nadia Lanzon;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Joseph Zahra pprezentat fis-27 ta’ Lulju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti jew a) tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija; jew b) tirriforma s-sentenza premessa fir-rigward tal-piena u multa, billi ssibu hati ta’ fatt wiehed u tikkundannah li jhallas somma wahda u mhux hamsa u ghoxrin lira (Lm25) ghal kull imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji: (1) l-Ewwel Qorti skartat ghal kollox ix-xiehda tieghu u emmnet f’kollox ix-xiehda tal-Pulizija; (2) il-piena hija eccessiva u sproporzjonata fic-cirkostanzi tal-kaz.

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,

jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Il-provi traskritti li nstemghu mill-Ewwel Qorti jistghu jigu riassunti hekk:

**L-Ispettur Nadia Lanzon** xehdet illi fl-20 ta' Gunju 2003 mart l-appellant kienet marret taghmel rapport l-ghassa fis-sens li zewgha kien jheddidha, jerfa' idejh fuqha u li kienet qed tibza' tmur lura d-dar. Marret fuq il-post l-Ispettur stess flimkien ma' P.S. 849 u P.C. 879 u mart l-appellant, sejhu lill-appellant sabiex jifthilhom il-kancell izda ghall-bidu ma riedx jigi jiftah. Qalet li meta gie beda jghajjat, hafna paroli, dagha u paroli fil-vojt. Qalet li lilha heddidha li ser iwaddab xi haga ghaliha, in generali, ma semmiex x'ser iwaddab. In kontro-ezami nsistiet li t-theddid sar fil-konfront taghha peress illi indirizzaha bhala "Spettura".

**P.S. 849** xehed li fl-20 ta' Gunju 2003 mart l-appellant marret l-ghassa minhabba zewgha ghax kellhom argument fuq it-tifel. Marru sabiex ituh *warning* izda l-appellant laqaghhom b'hafna ghajjat u storbju u theddid. Huwa kkonferma l-kontenut ta' l-okkorrenza relattiva (Dok. PS) fejn specifika hekk:

"When he was approached by the Div. Police Zahra started yelling, shouting and swearing in the direction of Inspector Lanzon. He even offended Inspector Lanzon. He even threatened Inspector Lanzon by telling 'Itlaq 'l

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

hemm u hallini bil-kwiet u tindahalx fil-hajja privata ghax inwaddablek xi haga bhal ma ghamilt lill-Ispettura l-ohra u la int u la l-Magistrat ma taghmluli xejn ghax jien ala zo…'."

**P.C. 879** bazikament ikkorrobora dak li qalu x-xhieda precedenti kif ukoll li mart l-appellant ma jidhirlux li tkellmet u li lejn il-kancell kienu avvicinaw l-aktar hu, l-Ispettur u s-Surgent.

**L-appellant** xehed u qal li ma qal xejn kontra l-Ispettur Lanzon u li huwa ndirizza lil martu billi qallha "Lili itlaqni u hallini bi kwieti u toqghodx iggib Pulizija hawn fuq". Qal li l-anqas jaf ghalfejn marret l-ghassa dakinhar il-mara tieghu. Cahad li hedded lil xi hadd dakinhar.

Evidentement l-Ewwel Qorti, wara konsiderazzjoni tal-provi kollha li ngabu quddiemha, wara li kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9) u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ikkonkludiet li l-appellant kien hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti. Fil-fatt hija qalet testwalment:

“Illi din il-Qorti ma tistax taghti ebda affidament ghal versjoni ta’ fatti kif ipprova jpingihom l-imputat, u dan qed jinghad wara li l-Qorti wiznet l-imgieba tieghu fil-pedana tax-xhieda. Inoltre taghraf illi l-versjoni moghtija mill-pulizija hija kredibbli u verosimili.”

Fil-fehma ta’ din il-Qorti c-cahda ta' l-appellant ma hi xejn hlief tentattiv fjakk biex jipprova jdahhal dubju fejn difficilment wiehed jista' jghid li jezisti dubju dwar dak li gara fl-20 ta' Gunju 2003. L-ufficjali tal-Pulizija kienu marru fuq il-post sabiex jaqdu d-dmirijiet taghhom wara rapport li sar minn mart l-appellant. Huma jikkorroboraw lil xulxin fix-xiehda taghhom u inoltre hemm korroborazzjoni ulterjuri fl-okkorrenza li saret *a tempo vergine*. Il-fatti spjegati mit-tliet ufficjali tal-Pulizija jwasslu ghall-

konkluzjoni univoka ta' htija ta' l-appellant ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Difatti jirrizulta mix-xiehda taghhom li l-appellant kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat tieghu, li huwa mhux biss offenda lill-Ispettur Lanzon izda anke hedded li jwaddbilha xi haga, u bl-agir tieghu huwa fixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

Kwantu ghall-piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' Lm25 ghal kull imputazzjoni. Ovvjament il-piena hawn hija dik ta' l-*ammenda* stante li r-reati huma kontravvenzjonijiet, u ghall-precizjoni din il-Qorti sejra tispecifika l-ammont komplessiv li l-appellant ghandu jhallas.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata kemm ghal dik li hi l-htija kif ukoll ghal dik li hi l-kundanna ghall-hlas ta' *ammenda*, u dan fl-ammont komplessiv ta' hamsin liri Maltin (Lm50) u, ghall-finijiet ta' l-obbligazzjoni a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9, l-appellant ghandu jintrabat bil-miktub bil-mod infraskritt.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.